# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 03

Data tal-laqgħa: 12 t' Awwissu, 2024

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tnejn, 12 t' Awwissu 2024 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helen Gauci |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Mariah Meli<br>Christopher Fenech<br>Marilena Hassan |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**03/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**03/01/01** Ma kienx hemm.

**03/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ta' Tieni Laqgħa**

**03/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**03/02/02** **Para 02/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq is-sejħa tal-Assistant Principal skala 11 kien hemm interess milll-Uffiċjal Eżekuttiv is-Sa. Alexia Cuschieri Muscat u saret interview mill-board. Wara li kien hemm approvazzjoni min-naħa tal-board kien hemm qbil mill-Kunsill li tintgħazel għal din il-pozzizzjoni.

**03/02/03** **Para 02/05/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mera ġdida fi Sqaq tal-Ferħa ħa titħallas mir-resident peress li għal użu personali.

**03/02/04** **Para 02/05/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret *site visit* minħabba talba ta' resident għal mera ġdida fi Triq Ferdinand u r-resident ġie infurmat li jrid iġib permess mis-sid ta' faċċata.

**03/02/05** **Para 02/05/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mera ġdida fi Triq San Ġwann (qrib il-mitħna) ħa titħallas mir-resident peress li għal użu personali

**03/02/06** **Para 02/05/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħarġet *purchase order* biex isiru vleġeġ mar-roundabout iċ-ċatta ta' Triq Caravaggio.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**03/02/07** **Para 02/05/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil TM biex isir Impact Assessment madwar il-Għargħur kollu u infurmawha li l-Impact Assessment isir mill-privat u TM tassessja r-rapport meta jiġi sottomess. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku titlob l-għajnuna lir-Reġjun Lvant.

**03/02/08** **Para 02/05/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li resident issuġġerixxa li rack ta' roti teħel fi Triq D. Farrugia fejn hemm il-barumbara. Ġie deċiż li niċċekkjaw jekk l-art hux tal-Gvern jew privata. Jekk l-art hija pubblika r-rack ta' roti titqiegħed hemm.

**03/02/09** **Para 02/05/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet permess mill-GO plc biex it-*telephone box* tiġi librerija. Is-Sa. Meli ssuġġeriet li s-Segretarju Eżekuttiv biex tikteb lil Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu sabiex jipprovdu kotba b'xejn u filfatt aċċettaw minnufih.

**03/02/10** **Para 02/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-manutenzjoni ta' *telephone box* irridu nkellmu lil Heritage Malta jew lill-Ministeru għall-Wirt, Nazzjonali, Arti u Gvern Lokali.

**03/02/11** **Para 02/05/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bagħtet ittra lir-residenti fuq it-talba ta' *sleeping police* fi Triq Caravaggio qrib Triq iċ-Ċawl u ħadd ma qabel. Is-Sa. Francesca Attard issuġġeriet nagħtuhom ftit aktar żmien. Il-Kunsill qabel unanimament

**03/02/12** **Para 02/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Kunsill xtara kitla biex tintuża mill-anzjani li jattendu l-attivitajiet organizzati mill-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità.

**03/02/13** **Para 02/05/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil TM biex jiġi approvat 3m double yellow line fi sqaq fi Triq l-Indipendenza.

**03/02/14** **Para 02/05/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit se jħejji d-dokumenti meħtieġa biex isir parti mill-ħajt tas-sejjieħ fi Triq Dun Gio Batta Chetcuti mid-Dipartiment ta' Xogħlijiet Pubbliċi.

**03/02/15** **Para 02/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ċċekkjat mal-Enemalta Plc sa fejn tasal il-linja ta' dawl ta' Sqaq Qiegħed u skont l-Enemalta ma hemmx lampi installati f'din il-biċċa ta' triq għaldaqstant, f'dan l-isqaq ma hemmx linja tal-*street lights* għaddejja. Is-Sa. Marilena Hassan qalet li hemmhekk ODZ u s-Sa. Francesca Attard issuġġeriet li ssir talba uffiċjali jkun hemm id-dawl.

**03/02/16** **Para 02/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil TM għal approvazzjoni ta' tabelli ta' *no-entry* bejn 6:30am – 9:00am fejn hemm Merħba Għargħur għal karozzi li jgħaddu minn Triq John Adye u jidħlu minn ġol-Għargħur.

**03/02/17** **Para 02/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bagħtet ittra lir-residenti fuq it-talba ta' *sleeping police* fi Triq l-Indipendenza u r-residenti qabblu li ssir. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tikteb lil TM.

**03/02/18** **Para 02/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bagħtet ittra lir-residenti fuq it-talba ta' *sleeping police* fi Triq Mons L. Catania imma l-feedback ma kienx daqshekk tajjeb. Il-Kunsill qabel unanimament li nagħtuhom ftit aktar żmien.

**03/02/19** **Para 02/05/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Kunsill ser jieħu azzjoni jekk is-sid ma jiżborx siġra li qed timblokka l-bankina fi Triq Caravaggio (qrib il-bus stop Vendome).

**03/02/20** **Para 02/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bagħtet ittra-e lill-Awtorità tal-Artijiet biex tiċċekkja jekk il-bankina tal-barumbara fi Triq D. Farrugia hiex tal-Gvern jew tal-privat.

**03/02/21** **Para 02/05/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħarġet *purchase order* biex l-STOP ta' mal-art fi Triq San Nikola (ħdejn l-ATM) tiġi fi nofs ta' triq.

**03/02/22** **Para 02/05/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li infurmat lil Għargħur Community Policing Team sabiex jinfurzaw fuq iż-żibel u vetturi mhux awtorizzati f'Top of the world.

**03/02/23** **Para 02/05/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret *site visit* fuq it-talba ta' residenta biex jitpoġġa bin żgħir ħdejn il-bus stop Gargallo fi Triq San Ġwann iżda ma hemmx fejn.

**03/02/24** **Para 02/05/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq is-suġġeriment biex inżidu aktar bins f'Top of the world hi kellmet lill-Ministru għat-Turiżmu Clayton Bartolo u se jgħinna. Is-Sa. Meli qalet li hawn bżonn ta' iktar tabelli u sabiex issir kampanja t'għarfien bl-involviment tal-ħwienet lokali. Is-Sa. Attard qalet li hemm bżonn issir bye-law u Sindku qalet li meta joħorġu bil-kelb għandu jkollhom flixkun magħhom. Is-Sa. Hassan qalet li Triq il-Kbira għandha bżonn ħasla tajba. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir ħasil bil-bowser fit-toroq ċentrali kif ukoll fi Triq il-Kbira.

**03/02/25** **Para 02/05/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet laqgħa ma' residenta li ssuġġeriet li x-Xwieki jkun aktar aċċessibli għal kulħadd.

**03/02/26** **Para 02/05/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet opinjonijiet differenti mill-Kunsilliera fuq fejn għandu jsir il-Communal Reserved Parking Bay for Blue Badge Holders fi Triq San Bartilmew. Is-Sindku spjegat li l-aħjar li jiġi flok il-*Keep Clear* fejn kien hemm il-parkeġġ tal-Għassa. Is-Sa. Meli ssuġġeriet li tiġi ftit aktar 'il fuq. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tikteb lil TM.

**03/02/27** **Para 02/05/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġabet stima mingħand l-Alarmtech Ltd. (€595.00 exc. VAT) biex jinqala' l-arblu fejn hemm cctv camera fi Triq Għaxqet l-Għajn. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma nħarġu ebda kontravenzjonijiet f'din iż-żona. Is-Sur Fenech qal li dan l-arblu bilfors irid jinqala' minhabba restawr. Is-Sa. Attard qalet li idealment noħorġu sejħa u s-Sa. Meli ssuġġeriet li tiġi ppubblikata fuq il-midja soċjali tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu.

**03/02/28** **Para 02/05/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sal-lum persuna waħda applikat biex tkun fis-Sotto Kumitat Qasam Soċjali. Is-Sa. Attard issuġġeriet li tinħareġ sejħa għal helpers. Is-Sa. Hassan qalet li jekk flok membri niktbu helpers inkunu qed innaqqsu s-saħħa tagħhom.

**03/02/29** **Para 02/05/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sal-lum tliet persuni applikaw għas-Sotto Kumitat tal-Kultura u Attivitajiet. Is-Sa. Attard qalet li baqa' min japplika mill-għaqdiet tar-raħal.

**03/02/30** **Para 02/05/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tkun qed tipprovdi statement of account tas-Sotto Kumitat Qasam Soċjali lis-Sa. Attard.

**03/02/31** **Para 02/05/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv ipproponiet li ssir laqgħa mal-persuna li bħalissa qed juża s-semaphore tower bħala mużew tar-radjijiet. Is-Sa. Attard talbet li ssir *site visit* xi darba filgħaxija jew is-Sibt. Kien hemm qbil unanimu. Is-Sa Attard talbet kopja ta' lease agreement ta' searchlight battery. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tipprovdi kopja lis-Sa. Attard.

**03/02/32** **Para 02/05/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li numru ta' tfal irreġistraw kemm għal 'Kids Craft Session' kif ukoll għal Movie Night'.

**03/02/33** **Para 02/05/35:** Is-Sa. Meli tat update dwar il-laqgħa ma' Sur Mario Fava l-President tal-AKL rigward is-servizz tal-knis fil-lokalità. Is-Sa. Meli qalet li bħalissa qegħdin b'direct order u li għandna bżonn nirrevedu l-baġit ħalli wara nkunu nistgħu nibagħtu talba formali lid-Dipartiment.

**03/02/34** **Para 02/05/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet talbet lil Kap tad-Dipartiment tat-Tindif is-Sur Ramon Deguara biex jibgħat lil ħaddiema tal-Cleansing sabiex jaħslu t-toroq kollha.

**03/02/35** **Para 02/05/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-applikazzjoni ta' Town Twinning Cultural Educational Programme tagħlaq fi 18 ta' Settembru 2024 u bhalissa qed isir il-vetting mis-SEM.

**03/02/36** **Para 02/05/39:** Is-Sa. Meli tat deskrizzjoni qasira tal-programm tal-European Week of Sport (23 – 30 ta' Settembru) din l-attività qed isir biex jinġabru donazzjonijiet b'risq Puttinu Cares.

**03/02/37** **Para 02/05/40:** Is-Sa. Meli qalet li l-attività tal-Kayaking hija fully booked.

**03/02/38** **Para 02/05/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser issir promozzjoni fuq il-Facebook page tal-Kunsill ta' sessjonijiet li ser isiru fis-sala tal-kunsill bħal aerobics, fitness u line dancing.

**03/02/39** **Para 02/05/42:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Community Clinic għadha ma ġietx imbierka.

**03/02/40** **Para 02/05/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li probabbilment żewġ toqob ħa jsiru qabel l-festa.

**03/02/41** **Para 02/05/44:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tipprova sal-laqgħa oħra tapplowdja d-dokumenti kollha fuq is-sit uffiċjali.

**03/02/42** **Para 02/05/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għamlet kuntatt mal-uffiċċju tal-accountant. L-accountant talbitna nagħtuha ftit aktar żmien peress li ma ngħatatx handover qabel ma l-accountant tal-Kunsill għadda għal ħajja oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv se tkun f'kuntatt magħha.

**03/02/43** **Para 02/05/47:** Is-Segretarju Eżekuttiv ipproponiet li l-playing equipment ġdid isir wara l-festa. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/02/44** **Para 02/05/48:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero ħa ssir mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**03/02/45** **Para 02/05/49:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żewġ *zebra crossings* ta' Triq Caravaggio – Triq Dun Salvatore Zarb u oħra mid-dar tal-kavallieri sa faċċata jridu jiġu approvati minn TM.

**03/02/46** **Para 02/05/50:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li trid issir *site visit* biex naraw jistax isir MC Bay li ppropona s-Sur Fenech fi Triq Dun Salvatore Zarb.

**03/02/47** **Para 02/05/51:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq iz-*zebra crossing* ta' Triq San Bartilmew mhix qed taħdem għax irid isir *protective pipe* mal-berġa, jinbidel il-*cable* u nerġgħu inqabdu mal-*isolator*. Għaldaqstant, irridu nġibu permess mill-Enemalta Plc.

**03/02/48** **Para 02/05/52:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġardinar żabar is-siġar ta' Vjal ir-Repubblika imma jonqsu jaqta' l-ħaxix ta' Triq Kromb il-Baħar. Is-Sa. Attard insistiet li jnaddaf warajh.

**03/02/49** **Para 02/05/54:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt ma' GO p.l.c minħabba l-arblu ta' Triq il-31 ta' Marzu.

**03/02/50** **Para 02/05/55:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li latrina pubblika fix-Xitwa tiftaħ mis-7:00am sa 7:00pm filwaqt li fis-Sajf tiftaħ mis-7:00am sa 9:00pm.

**03/02/51** **Para 02/05/56:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħalissa qed isir ir-refreshing ta' sinjali tat-toroq.

**03/02/52** **Para 02/05/57:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet l-bollards ta' Triq San Ġwann għadhom ma sarux. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tkellem li Traffic Management Officer rigward id-diversi nuqqasijiet.

**03/02/53** **Para 02/05/58:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tkun qed tiġbor stimi ġodda għan-notice boards. Is-Sa. Meli issuġġeriet li l-istikers ta' fuq jinbidlu. Is-Sur Fenech ressaq li jinqalaw żewg tabelli li hemm fi tarf ta' Triq San Nikola peress li triq hija one-way. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/02/54** **Para 02/05/59:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Alfred Cuschieri talab li jġedded għal sena oħra. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma lis-Sur E. Vassallo.

**03/02/55** **Para 02/05/60:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li daħlet rapport fuq il-bozza maqtugħa fi Triq il-Ġnien bejn Busietta Gardens u traffic tights.

**03/02/56** **Para 02/05/61:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li daħlet rapport mal-Water Services Corporation peress li ħiereġ ħafna ilma fi Sqaq tal-Ħofra.

**03/02/57** **Para 02/05/62:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġiet stampata mappa kbira li turi l-lampi u l-fanali kollha tal-Għargħur.

**03/02/58** **Para 02/05/64:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-iskema l-ġdida 'Cat Feeders Scheme' ser tgħalaq fl-14 t'Awwissu 2024.

**03/02/59** **Para 02/05/72:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li residenta li talbet bin aħmar fi Triq D. Mifsud issa ma tridux.

**03/02/60** **Para 02/05/73:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet lill-pulizija tal-komunità biex jagħmlu iktar rondi Top of the World, Triq Għaxqet l-Għajn.

**03/02/61** **Para 02/05/74:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li probabbilment it-toqob li talbu l-Kumitat Festa San Bartilmew madwar ir-raħal ħa jsiru imma wara l-festa.

**03/02/62** **Para 02/05/75:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li daħlet rapport mal-awtoritajiet konċernati dwar il-bollards illegali li saru fi Triq Santa Katerina minn sid il-barriera.

**03/02/63** **Para 02/05/77:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li ħa ssir spezzjoni mill-WSC fuq l-arloġġ tal-ilma (bin-numru 519757) ta' searchlight battery. Is-Sur Fenech qal li qabel kien hemm persuna li kien joqgħod ġo searchlight battery u dan kien daħal hemm bla permess fil-fatt kien sar rapport mal-pulizija. Is-Sur Fenech qal li s-searchlight battery ġiet devoluta lil Kunsill bejn 2011 u 2012.

**03/02/64** **Para 02/05/80:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Communal Reserved Parking Bay for Blue Badge Holders fi Triq Caravaggio ġiet approvata minn TM u trid issir mill-Kunsill Lokali.

**03/02/65** **Para 02/07/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew l-awtorizzazzjoni min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar biex tinħareġ sejħa għal offerti biex issir Triq Għaxqet l-Għajn minn bollard sa bollard.

**03/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**03/03/01** Is-Sindku pproponiet li jinbidlu ż-żewġ tabelli 'no-entry' ta' ħdejn il-kazin tal-banda u sabiex jiġu ikbar. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/03/02** Is-Sindku pproponiet li jinbidlu ż-żewġ tabelli fuq xulxin 'road hump' u 'no heavy vehicles' f'Misraħ il-Knisja. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/03/03** Is-Sindku pproponiet li jsiru żewġ 'bollards' u/jew żewġ tabelli fi Triq Ghar San Brinkat minħabba l-festa. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/03/04** Is-Sindku ressqet sabiex isir 'patching' quddiem numru 11 fi Triq F. Żarb. Kien hemm qbil li dan ix-xogħol isir mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**03/03/05** Is-Sindku ressqet li l-għada tal-festa l-uffiċċju amministrattiv jibqa' magħluq. Kien hemm qbil unanimu.

**03/03/06** Is-Sindku pproponiet li nġibu 'skip' żgħir biex narmu l-imbarazz li hemm fil-kamra ta' ħdejn il-ground tal-football. Kien hemm qbil unanimu.

**03/03/07** Is-Sindku qalet li fuq il-permess ta' Triq il-Ġnien k/m Triq F. Żarb ser tiċċirkola d-dokumenti. Is-Sa. Helen Gauci pproponiet li Sur Navarro jiltaqa' mal-Kunsilliera qabel il-laqgħa li jmiss.

**03/03/08** Is-Sindku qalet li rċeviet proposta mis-Sa. Maureen Farrugia biex isir fun run fil-Għargħur.

**03/03/09** Is-Sindku qalet li rċeviet talba għal sponsorship ta' €350 (excl. VAT) għax ser tirrappreżenta lil Għargħur fil-kompetizzjoni Miss Malta ta' din is-sena.

**03/03/10** Is-Sindku qalet biex isir reklam fuq il-'big screen' nhar il-Ġimgħa, 23 t' Awwissu 2024. Barra minn hekk, qalet li għal dakinhar irridu nsibu post alternattiv għal dak li jbigħ il-ġugarelli. Il-Kunsill qabel unanimament. Għada stess is-Segretarju Eżekuttiv ser titlob laqgħa miegħu.

**03/03/11** Is-Sindku qalet li hemm passaġġ fil-konfini ta' bejn in-Naxxar u l-Għargħur u li qegħdin fi stat ta' appell. Għalhekk, is-Sindku ssuġġeriet li nitolbu għal esproprjazzjoni għal interess pubbliku. Dan sabiex ikun hemm sigurtà u aċċess f'każ ta' emerġenza. Kien hemm qbil unanimu.

**03/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**03/04/01** Is-Sa. Mariah Meli tat informazzjoni u pproponiet li ssir konsultazzjoni pubblika mar-residenti marbuta mal-inizjattiva 'European Social Mobility Week'.

**03/04/02** Is-Sa. Meli tat aġġornament u informazzjoni dettaljata dwar il-'European Week of Sport' li ħa ssir bejn 23 – 30 ta' Settembru 2024.

**03/04/03** Is-Sa. Meli qalet li rigward 'Town Twinning Cultural Educational Programme' tajna l-informazzjoni kollha lis-Servizzi Ewropej Malta ħalli jkunu jistgħu jiktbu l-applikazzjoni.

**03/04/04** Is-Sa. Meli ressqet talba tar-resident għal 'double yellow line' ħdejn il-garaxx tiegħu fi Triq K. Fenech għax mhux ikun jista' joħroġ mill-garaxx peress li jinsab fid-dawra u jkun hemm il-karozzi pparkjati.

**03/04/05** Is-Sa. Meli qalet li rċeviet ilment mingħand resident fi Triq l-Indipendenza xi ħadd rema xi madum. Is-Sa. Meli infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv u hi bagħtet lill-ħaddiema biex inaddfuh.

**03/04/06** Is-Sa. Meli rċeviet ilment minn resident minħabba nuqqas ta' dawl fi Triq l-Indipendenza fit-tarf tat-triq. Is-Sa. Meli kellha kuntatt mal-ARMS Ltd u sabet li kellhom xi dokumenti neqsin. Dawn id-dokumenti ntbagħtu u issa se jiġu pproċessati mal-entità Enemalta plc.

**03/04/07** Is-Sa. Meli rċeviet ilment mingħand resident rigward il-parkeġġ ħażin ta' vettura fi Triq San Nikola li qed timblokka l-fetħa biex jaċċessaw ir-residenza tagħhom. Is-Sa. Meli ssuġġeriet li jsiru 'bollards'. Barra minn hekk pproponiet li jsiru xi qsari biex noħolqu aktar ħdura u estetikament tidher isbaħ. Ġie deċiż li l-ewwel niġbdu l-attenzjoni lil sid il-vettura.

**03/04/08** Is-Sa. Meli ressqet ilment ta' residenta biex inżidu 'communal reserved parking bay' oħra l-Pjazza għax waħda mhux biżżejjed. Kien hemm qbil unanimu. Is-Sa. Meli pproponiet li dik ta' Triq San Bartilmew tiġi n-naħa ta' fuq ta' triq viċin il-Pjazza biex tkun tista' sservi wkoll għal hemmhekk.

**03/04/09** Is-Sa. Meli qalet li l-fitness u l-personal trainer Sa. Tracy Debono tixtieq li minn Settembru terġa' tkompli bil-klassijiet sportivi li kienet tagħmel fil-kunsill. Is-Sa. Meli ssuġġeriet li fl-aħħar t' Awwissu noħorġu 'poster' tal-lista ta' attivitajiet fiżiċi li se jkunu qegħdin jerġgħu jibdew ikunu organizzati.

**03/04/10** Is-Sa. Meli qalet li hemm bżonn ta' aġġornament ta' tabelli tal-kappella ta' San Nikola, tabelli viċin l-ATM u t-tabella tax-xelter u anke notice board fi Triq Caravaggio. Is-Sa. Meli ssuġġeriet li għandna nirranġawha u nagħmlu aktar użu minnha. Kien hemm qbil unanimu.

**03/04/11** Is-Sa. Meli qalet li tkellmet mal-Enemalta plc sabiex l-arblu ta' Triq il-31 ta' Marzu jitneħħa kemm jista' jkun malajr.

**03/04/12** Is-Sa. Meli tat 'update' fuq il-poles tal-festa li ħa jsiru mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**03/04/13** Is-Sa. Meli ressqet talba għar-risposta dwar it-tberik tal-berġa. Is-Sindku ppruvat tikkuntattja lil Kap Eżekuttiv tal-Kura tas-Saħħa Primarja imma ma rnexxilhiex.

**03/04/14** Is-Sa. Meli qalet li sar kuntatt mal-Water Services Corporation u li mil-laboratorju tagħhom gie ikkonfermat li mis-sampling li ħadu l-ilma li ħiereġ fi Sqaq tal-Ħofra huwa ilma ġieri. Is-Sa. Meli tkellmet ma' Segretarju Eżekuttiv biex bħala Kunsill nitolbu lis-sanità jikkonferma dan u jekk hu minnu ipproponiet li nibdew nagħmlu użu minn dan l-ilma.

**03/04/15** Is-Sa. Meli talbet biex jitla' l-'quarterly accounts' flimkien mal-baġit ħalli jiġi rivedut skont il-bżonn. Kien hemm qbil unanimu.

**03/04/16** Is-Sa. Meli qalet li Triq il-Kbira għandha bżonn urġenti ta' ħasla. Is-Sa. Meli pproponiet li nġibu bowser għaliha jekk jidher li hemm dewmien mill-Cleansing minħabba l-gravità li tinsab fiha t-triq. Kien hemm qbil unanimu.

**03/04/17** Is-Sa. Meli ressqet li nitolbu għal aktar tabelli tal-indafa wara l-klieb mid-dipartiment ikkonċernat u anke li jkunu jinkludu ħasil wara li jxarrbu l-annimali. Is-Sa. Meli pproponiet wkoll kampanja flimkien mal-ħwienet lokali dwar dan ir-rigward biex noħolqu aktar kuxjenza fost ir-residenti. Kien hemm qbil unanimu.

**03/04/18** Is-Sa. Meli ressqet li jitwaħħlu tabelli tal-qanfud top of the world fil-partijiet fejn jgħaddu l-karozzi minħabba li qed jintlaqtu. Dan sabiex niġbdu l-attenzjoni tas-sewwieqa. Kien hemm qbil unanimu.

**03/04/19** Is-Sa. Meli ssuġġeriet li Triq E. M. Perren kif toħroġ minn Triq l-Excelsior biex b'hekk il-karozzi jitilgħu 'l fuq u fil-fetħa (l-area tal-binja tal-oratorju jiżdied il-parkeġġ billi parkeġġi jiġu jħarsu 'l fuq mhux mindudin. Ġie deċiż li nibagħtu ittra lir-residenti biex naraw l-opinjoni tagħhom.

**03/04/20** Is-Sa. Meli tkellmet rigward il-possibbiltà ta' dħul ta' MC parking spaces Vjal ir-Repubblika u l-parkeġġi li hemm preżenti mhumiex kollha tal-istess qies. Barra minn hekk, talbet ġustifikazzjoni rigward keep clear quddiem dar fl-istess triq. Is-Sindku qalet li l-keep clear saret bl-approvazzjoni ta' TM u insistiet li kemm jista' jkun l-kaxxi tal-parkeġġ ikunu tal-istess qies.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**03/04/21** Is-Sa. Meli qalet li tender tal-*5 seater vehicle* ser jagħlaq fis-26 ta' Novembru 2024. Is-Segretarju Eżekuttiv ipproponiet li nġeddu l-kuntratt għal ftit xhur għax fil-bidu ta' sena d-dieħla 2025 ser joħorġu fondi tal-LESA għal proġetti fil-qalba tal-lokalità. Kien hemm qbil unanimu.

**03/04/22** Is-Sa. Meli tkellmet fuq id-dokument provdut rigward it-tqassim tal-knis, tindif tal-'culverts' u bins. Fuq il-bins, fid-dokument ma hemmx imniżżel kull kemm dawn jitbattlu. Is-Sa. Meli pproponiet li dawn jitnaddfu 3 darbiet f'ġimgħa kemm tal-klieb kif ukoll in-normali. Fuq il-knis, qalet li Triq Għaxqet l-Għajn għandha tinkines 3 darbiet f'ġimgħa u mhux darbtejn. Is-Sa. Meli spjegat li Annexx 3 jinkludi lista ta' attivitajiet li qabel u wara dawn l-attivitajiet isir tindif tat-toroq apparti. Is-Sa. Meli ssuġġeriet li ssir emenda li ma tispeċifikax l-attivitajiet sabiex inkunu nistgħu naddataw din il-klawżola ma' attivitajiet oħrajn li se nkun qegħdin intelgħu. Fuq it-tindif tal-'culverts', fi dokument ma hemmx speċifikat meta jsiru. Għalhekk ipproponiet li nistabilixxu rutina ta' tindif tal-'culverts' kollha tal-Għargħur ta' kull sena minn l-aħħar t' Awwissu u l-aħħar ta' Frar. Jekk bejniethom ikun hemm bżonn xi waħdiet dawn għandhom isiru wkoll. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/04/23** Is-Sa. Francesca Attard qalet li kanna tal-ilma marret fi Triq San Bartilmew. Is-Sa. Meli żiedet tgħid li l-ilma ħiereġ mill-bankina ta' din ir-residenza. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tagħmel kuntatt mal-Water Services Corporation.

**03/04/24** Is-Sa. Attard talbet li jsir *refreshing* ta' *road marking* 'STOP' fi Triq l-Oratorju. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol ħa jsir mill-ħaddiem tagħna.

**03/04/25** Is-Sa. Attard spjegat li hemm drenaġġ miżdud ħdejn il-Landmark Stationery fi Triq S. Zerafa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tagħmel kuntatt mal-Water Services Corporation.

**03/04/26** Is-Sa. Attard fakkret li l-bozza ta' Triq l-Indipendenza mhux qed tixgħel. Is-Sa. Meli spjegat li l-applikazzjoni l-ewwel tidħol l-ARMS Ltd u wara tmur għand l-Enemalta Plc.

**03/04/27** Is-Sa. Attard qalet li fuq ix-xelter hemm bżonn inkellmu lil ta' Sanità rigward drenaġġ ħiereġ minn mal-ħajt. Barra minn hekk, il-ħaddiema daru r-railings kollha tal-ħadid. Is-Sa. Attard qalet li hemm xi oġġetti bħal saqqu, cot, qafas tas-sodda u oħrajn, uħud minn dawn l-affarijiet spiċċaw imma hemm affarijiet li jistgħu jiġu ppreservati. Is-Sur Christopher Fenech spjega li dawn l-oġġetti inxtraw mill-Kunsill. Is-Sur Fenech qal li qabel ix-xelter kien jinfetaħ darba fi xahar. Hu żied jgħid li l-aħjar l-oġġetti jitneħħew minn hemm għax qed jispiċċaw u jiġrilhom iktar ħsara. Is-Sa. Attard qalet li hemm ħafna ilma u li rridu naraw minn fejn ġej dan l-ilma. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tagħmel kuntatt mal-Water Services Corporation. Is-Sa. Attard qalet li ftit qabel ma naqbdu l-mużew hemm grada u li minn hemm jinżel ħafna ħmieġ u ilma. Is-Sur Fenech issuġġerixxa li nitkellmu ma' Kunsill Lokali ieħor li għandu xelter u s-Sa. Meli qalet u mal-Heritage Malta u naraw kif l-aħjar li nippreservawh. Is-Sa. Attard qalet li aktarx hemm bokka oħra fi Triq Mons. L. Catania u jekk qeda hemm niftħuha ħalli jkun hemm dħul u ħruġ.

**03/04/28** Is-Sa. Attard qalet li rċeviet ilmenti mingħand il-bdiewa minħabba l-bozza ta' Sqaq iċ-Ċawl u ssuġġeriet li ssir waħda solari. Is-Sa. Meli qalet li aħjar nieħdu permess mill-Enemalta Plc. Barra minn hekk, nistgħu nġibu żewġ stimi waħda għal din il-bozza u l-oħra ta' Sqaq il-Qiegħed. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/04/29** Is-Sa. Attard qalet li rċeviet ilment dwar il-parti mħarbta ta' Triq Katerina Sammut. Is-Sur

Fenech qal li din suppost saret mill-kuntrattur. Is-Sindku qalet li dik il-biċċa ser tiġi esproprjata. Is-Sa. Attard issuġġeriet li niċċekkjaw il-permess. Is-Segretarju Eżekuttiv se tkellem lill-Perit.

**03/04/30** Is-Sa. Meli tkellmet fid-dettal dwar il-*European Mobility Week*. It-tnedija nazzjonali saret nhar l-Erbgħa fejn ħajjru lill-Kunsilli Lokali sabiex jipparteċipaw. Is-Sa. Meli laħqet iċċekkjat ma' TM u l-AKL u l-Konsultazzjoni Pubblika tista' ssir fis-16 ta' Settembru 2024 f'Misraħ il-Knisja. Waqt din il-Konsultazzjoni Pubblika ser ikun hemm diversi kelliema. Il-podju ser jinġieb mill-AKL, il-poster sar mis-Sa. Meli, is-siġġijiet ħa nużaw tal-Kunsill u ser nikru 3 microphones. F'każ li t-temp ma jkunx favorevoli ssir fis-Sala tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/04/31** Is-Sa. Meli talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiċċekkja jekk il-Kunsill jaqbillux jixtri jew jikri l-photocopier.

**03/04/32** Is-Sur Fenech qal li l-monument ta' San Bartilmew fil-pjazza fih xi erba' bozoz neqsin peress li ma sarux meta sar il-proġett mill-kumitat monument San Bartilmew. Ġie deċiż li nitolbu stima lil Jurgen (il-Ginny) Baldacchino biex jekk jista' jkun isiru qabel il-festa tal-qaddis patrun tar-raħal.

**03/04/33** Is-Sur Fenech qal li s-siġar tal-iskola ħarġu 'l barra mill-ħadid u għandhom bzonn iduruhom. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma lill-Kap tal-iskola.

**03/04/34** Is-Sur Fenech ressaq li ssir attività edukattiva ma' sidien tal-klieb bħal mixja fil-kampanja. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/04/35** Is-Sur Fenech qal li resident li joqgħod fi Triq San Ġwann, talab li l-bozza tinqala' u tinbidel peress li ħa jirranga l-faċċata. Is-Sur Fenech spjega li r-resident għandu jħallas għal bozza l-ġdida. Barra minn hekk, is-Sur Fenech insista li din l-bozza għandha teħel malajr kemm jista' jkun għax bħalissa n-nies qeghdin fid-dlam ċappa. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/04/36** Is-Sur Fenech fakkar lis-Segretarju Eżekuttiv fil-'junction box' ta' ħdejn ir-roundabout ta' Triq M. Murray, Naxxar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna risposta mingħand Transport Malta.

**03/04/37** Is-Sur Fenech talab lis-Sa. Meli biex tiċċekkja hemmx xi fondi biex nirranġaw is-saqaf, il-bibien, il-faċċata u l-bqija tal-latrina pubblika. Is-Sa. Meli ser tiċċekkja jekk hemm xi fondi disponibbli.

**03/04/38** Is-Sa. Attard qalet li rċeviet diversi rapporti rigward wieħed mill-ħaddiem tal-RSSL li allegatament qiegħed ibigħ il-ħaxix waqt il-ħin ta' xogħol. Kien hemm qbil unanimu li jiġi rrappurtat peress li kien imwissi kemm -il darba.

**03/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**03/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 10 ta' Lulju 2024).

**03/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 17 ta' Lulju 2024).

**03/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 24 ta' Lulju 2024).

**03/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 31 ta' Lulju 2024).

**03/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 07 t' Awwissu 2024).

**03/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Matthew Navarro – PA/06545/23 3, Triq Fidiel Zarb c/w, Triq il-Gnien, Għargħur. *Proposed partial demolition of the existing property, preserving the vernacular architecture that will become part of House 1. Construction of four houses, including pools at receded level and garages at basement level. Works Include excavations.* Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jitlob laqgħa mas-Sur Matthew Navarro.

**03/05/07** Ġiet innutata talba għal sponsorship €350 (excl. VAT) minn żagħżugħa li ser tirrappreżenta lil Għargħur din is-sena fil-kompetizzjoni ta' Miss Malta. Il-Kunsill qabel li ma jistax jagħti sponsorship.

**03/05/08** Ġiet innutata talba minn resident għal Communal Reserved Parking Bay for Blue Badge Holders fi Triq Caravaggio. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Maureen Farrugia – Fun Run Proposal.

**03/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Keith Zammit dwar arblu ta' dawl 321 – Triq Caravaggio. Is-Sur Zammit qed jikteb f'isem ir-residenti ta' Block A ta' The Calling fi Triq Caravaggio. Waqt l-istaġun ta' xitwa dan l-arblu regolarment jisparkja waqt maltempati bir-ragħad u qed jagħmel ħsara lill-'appliances' fl-appartamenti. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tikteb lil Enemalta Plc.

**03/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Lvant – B'referenza għal Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet 2024, ir-Reġjun ser ikun qed jibgħat is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sindku tal-Għargħur u s-Sindku ta' San Ġiljan għal dan l-avveniment f'isem il-Kunsill Reġjonali Lvant.

**03/05/12** Ġew innutati r-ritratti ta' xelter.

**03/05/13** Ġiet innutata korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Lvant – Letter of No Objection għal attività 'A theatrical tour of the Eastern Region' li ħa ssir is-Sibt, 31 t' Awwissu bejn 9:00 – 13:00. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/05/14** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta fejn ġie kkonfermat li 'timed parking signage' mhux qed jiġu approvati.

**03/05/15** Ġiet innutata korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Ċir AKL 2024/049 You Matter - Building Resilience: Overcoming Challenges and Promoting Well-being, Is-seminar ser isir fi 28 ta' Settembru 2024 ġewwa l-lukanda Hyatt Regency Malta mit-8:30am sa 12:30pm.

**03/05/16** Ġiet innutata korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Ċir AKL 2024/048 – European Mobility Week. Din it-tnedija nżammet nhar l-Erbgħa, 7 t'Awwissu ġewwa Bormla.

**03/05/17** Ġiet innutata korrispondenza mill-Melita, fejn dawn tal-aħħar qed jitolbu laqgħa mal-Kunsill rigward il-proġett il-ġdid biex jaġġornaw l-infrastruttura għal fiber u fix-xhur li ġejjin se jibda l-proċess ta' installazzjoni fil-lokalità tagħna.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**03/05/18** Ġiet innutata korrispondenza mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fejn saret referenza għat-talba ta' żewġ 'bollards' fi Triq Għar San Brinkat (fil-fatt il-post eżatt huwa Triq it-Tarġa). Skont il-Mapserver tal-Planning Authority, is-sit jinsab fil-konfini tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Is-Sur Spiteri diġà informa lill-Kunsill dwar dan u li jeħtieġ li jinstab post alternattiv.

**03/05/19** Ġiet innutata korrispondenza mill-Active Ageing Unit, fejn qed jitolbu li ssir information session fuq vjolenza domestika.

**03/05/20** Is-Sa Meli qalet li għandna bżonn nirrevedu l-ftehim li għandna mal-Active Ageing Unit. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/05/21** Fuq it-talba ta' residenta għal mera faċċata ta' dħul/ħruġ tal-garaxx fi Triq Caravaggio k/m Triq il-Qiegħed. Kien hemm qbil unanimu li titħallas mir-residenta.

**03/05/22** Ġie nnutat ilment dwar Ħaddiem tal-RSSL.

**03/05/23** Fuq it-talba ta' resident għal mera faċċata ta' dħul/ħruġ tal-garaxx jiġifieri mal-ħajt tal-knisja. Ġie deċiż li resident jitlob permess lill-Kappillan.

**03/05/24** Fuq it-talba ta' residenta għal mera faċċata ta' dħul/ħruġ tal-garaxx fi Triq il-Għargħur. Kien hemm qbil unanimu li titħallas mir-residenta.

**03/05/25** Fuq it-talba għal tabella fuq arblu 'Tarmix Żibel Hawn' fi Sqaq Charlotte. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/05/26** Ġie nnutat ilment ta' residenta rigward il-problema ta' parkeġġ fi Triq Katerina Sammut.

**03/05/27** Fuq it-talba ta' resident għal reserved parking bay fi Triq il-Kbira qrib ic-charging point tiegħu sabiex ikun jista' jiċċarġja l-karozza elettrika tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tikteb lil TM.

**03/05/28** Fuq l-ilment rigward il-ħafna wirdien li qed joħroġ minn fossa fi Sqaq tal-Ħofra. Ġie deċiż li nistaqsu wieħed mill-ħaddiema jekk hux lest li juża' spray kontra l-wirdien.

**03/06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**03/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**03/07 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**03/07/01** Il-laqgħa spiċċat fit-8:45p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 11 ta' Settembru 2024 fil-5:30p.m.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Helene Gauci** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |